BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt     website : www.birgu.gov.mt

14 t' April, 2009

## Minuti tal-laqgha b'urgenza numru 26(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' b'urgenza ghal laqgha numru 26(05) fl-ufficini amministrattivi tal-kunsill f'Couvre Porte nhar il-Gimgha 20 ta' Marzu fi 6.00 ta' filghaxija.

## Preżenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Viċi Sindku, is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, is-Sur Ivan Peresso-Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

## Talba

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu għal laqgħa.

## 1. Ingagg ta' Skrivana mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill kien beda l-proceduri kollha necessarji ma' l-ETC sabiex tintbaghat lista ta' nies li jikkwalifikaw ghal post vakanti mal-Kunsill. Is-Sindku qal li din il-korporazzjoni kienet bghatet il-lista u dawn il-kandidati kienu gew infurmati permezz tat-telefon u b'ittra min-naha tal-Kunsill sabiex jattendu ghal intervista, u dawn gew intervistati minnhu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva. Wara diskussjoni, s-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu joffri dan l-impjieg lis-Sinjorina Anthea Vella u jekk jkun hemm qbil ghandha tibda immedjatament. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

## 2. Spustjar ta' l-ufficini tal-Kunsill Lokali

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera dwar l-izvilupi ta' l-ispustjar ta' l-ufficini tal-Kunsill Lokali wara il-laqgha li kellhu mas-Sur Bryan Magro l-kap tas-Segretarjat fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Zghazagh u Sport li huwa l-Ministeru responsabli mill-librerij pubblici. Hawnhekk is-Sindku stqar u rega' fakkar lil Kunsilliera bid-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha tal-kunsill numru 20(5) li saret fi 17 ta'Settembru 2008, fejn il-Kunsill kien iddecieda unanimament sabiex l-istess kunsill ma jcedix l-uzu ta' Gallerija Couvre Porte, l-kitchenette u l-istore. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. L-attivita "Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti"

Is-Sindku qal li l-attivita tal-Hadd 29 ta' Marzu 2009, "il-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti" kienet giet ikancellata imhabba li l-kunsill kien gie maghraf permezz ta' ittra' mibghuta mis-Sur Godwin Vella, kuratur tal- Palazz ta' l-Inkwizitur, li minhabba kif zvolgiet is-sitwazzjoni dwar din l-attivita ikun ahjar li din tigi trasferita ghal data ohra. Imhabba dawn ic-cirkostanzi s-Sindku prezenta ittra ohra mibghuta lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali sabiex din l-attivita tigi posposta ghal data ohra u dan sar sabiex il-flus mirbuha ghal l-imsemmija attivita ma jintilfux.

## 4. 30 Sena Anniversarju ta' Jum il-Helsien

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija F.Zammit Nurseries ghal sigra taz-zebbug bhala mafkar ghat-30 sena anniversarju ta' Jum il-Helsien, Festa Nazzjonali, ghal prezz ta' € 500. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. 50 Sena Anniversarju tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana

Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa li fl-okkazzjoni tal-50 sena anniversarju tas-sacerdot l-Monsinjur Dun Guzepp Caruana, l-kunsill jixtri rigal lil Monsinjur. Dwar dan Kien Hemm qbil unanimu.

## 6. L-attivita l-Ghid ta' l-Erwieh

Ittra minghand is-Sur Michael Galea fejn ippropona sabiex fi 31 t'Ottubru, 2009 huwa flimkien ma' grupp zghir ta' voluntiera bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu tigi organizzata ikla fl-okkazzjoni ta' l-ghid ta' l-erwieh. Wara diskussjoni is-Sindku ssugerixxa sabiex il-kunsill jilqa' din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Is-Servizz ta' Project Secretary mal-Kunsill tal-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li wara li fl-ahhar laqgha l-kunsill kien accetta l-applikazzjoni tas-Sinjorina Lyona Xuereb biss wara laqgha li saret mas-Sinjorina Xuereb

irrizulta li filghaxija jkun difficli ghalija li tattendi ghal laqghat u l-Vici Sindku, li hu responsabbli ghal dan il-progett, filghodu ma jkunx jista' minhabba ragunijiet ta' xoghol. Ghaldaqstant wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-kunsill ma jaccettax l-offerta tas-Sinjorina Xuereb u f'dan ir-rigward, is-Sinjorina Ritianne Bonnici, impjegata bhala skrivana ma' l-istess kunsill tibda tiehu hsieb hi dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex ghal programme circuit tal-Progett Oralities li ser jitella' f'Ourense fi Spanja bejn it-3 u s-6 t'April huwa flimkien mas-Sinjorina Ritianne Bonnici jakkumpanjaw lis-Sinjorina Fiona Cauchi u s-Sur Kris Spiter li ser jirraprezentaw lil Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fi 8.45 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |